TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1391

KAZ NRU. 1541

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Sandro Dimech

u

Palm Travel & Shipping Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 24 ta' Marzu 2003

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 11 ta' Gunju 2001 b'referenza MSP/TI/38/2001 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 12 il-seduta.

Sandro Dimech, aktar il-quddiem jissejjah l"appellant" kien assistit mill-Avukat Daniela Borg, u Palm Travel & Shipping Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija" kienet rapprezentata min Simon Bajada assistit mill-Avukat Christian Grima.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qal li gie mkecci ngustament wara li korra fuq ix-xoghol bhala konsegwenza ta' nuqqas ta' attenzjoni minn naha tal-Kumpanija. Wara li rega dahal ghax-xoghol inghata xoghol ihfef izda mbaghad rega beda jitqabbad xoghol ta' strapazz li ma kienex jiflah ghalih. Meta talab li ma jatuhx xoghol ta' "delivery" li jinvolvi strapazz is-superjuri b'dew jaqbdu mieghu u fl-ahhar keccewh minghajr ma nghata ebda raguni.

Il-Kumpanija tikkontendi li gie mkecci fuq bazi ta' redundancy ghaliex ix-xoghol ta' bejh ta' zjut, li kienet taghmel il-Kumpanija Palm Enterprises Ltd., kien naqas hafna.

Mix-xhieda u mid-dokumenti gie pruvat li :

- l-appellant korra fuq ix-xoghol ;
- Palm Enterprises Ltd. kienet fi stat finanzjarju hazin u kienet qed taghmel telf konsiderevoli ;
- l-appellant kien impjegat ma Palm Shipping & Travel Ltd.

It-Trtibunal ikkunsidra li :

- l-appellant korra fuq ix-xoghol kawza ta' xoghol li gie mqabbad jaghmel mill-Kumpanija ;
- l-appellant minbarra xoghol ta' "delivery" kien jaghmel xoghol iehor u ghalkemm ix-xoghol ta' "delivery" naqas ma giex pruvat b'mod sodisfacenti li dan naqas tant li, anke flimkien ma xoghol iehor li kien jaghmel l-appellant, irrendih "redundant" ;

- mill-Formola FS3 mibghuta lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni mill-Kumpanija (Dok DB1) l-appellant huwa ddikjarat bhala impjegat ta' Palm Travel & Shipping Ltd. u mhux ta' Palm Enterprises Ltd. ;
- fil-listi ta' "engagements" u "terminations" prezentati mir-rapprezentant ta' L-Employment & Training Corporation (Dok. EM1 U EM 2) kif ukoll fl-Employment History tal-ETC l-appellant jidher bhala mpjegat ta' Palm Travel and Shipping Ltd. ;
- l-appellant kien jircievi l-paga minghand Palm Travel & Shipping Ltd.

Wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz u qies is-sottomissjonijiet tal-partijiet it-Tribunal ikkonkluda li l-appellant korra fuq ix-xoghol kawza ta' xoghol li qabbditu jaghmel il-Kumpanija u minhabba f'hekk kien jixraq li tipprovdilu xoghol alternattiv adekwat. Barra minn hekk l-appellant kien irregistrat mill-Kumpanija bhala mpjegat ta' Palm Travel & Shipping Ltd. u ghalhekk ma jistghax jigi dikjarat redundant minn din il-Kumpanija ghaliex kumpanija ohra, Palm Enterprises Ltd., kienet sejra hazin. Hija risponsabbilta ta' kumpanija li tirregistra korrettement l-impjegati taghha u ma tistghax tqis dawk registrati ma kumpanija partikoli bhala mpjegati ta' ohra ghax hekk ikun jaqbillha. Minkejja li kien hemm xi nuqqas ta' xoghol f'dak li kien jaghmel l-appellant it-Tribunal ihoss li kien hemm gustifikazzjoni li jinstablu xoghol addatat fil-Kumpanija li maghha kien irregistrat.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li ma kienx hemm raguni tajba u sufficienti skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta l-appellant. Jordna li l-Kumpanija ghandha thallas kumpens ta' Lm 800 (tmien mitt lira Maltin) lill-appellant mhux aktar tard mit- 30 ta' April 2003.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona

Chairman

Mary Rose Galea

A/ Segretarja